**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-7 ta' Lulju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour du travail de Mons – il-Belġju) – Ville de Mons, Zone de secours Hainaut – Centre vs RM**

**(Kawża C-377/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 97/81/KE – Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time – Klawżola 4 – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – Prinċipju ta' pro rata temporis – Teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tar-remunerazzjoni ta' ħaddiem tat-tifi tan-nar professjonali rreklutat full-time, tal-anzjanità miksuba minnu bħala ħaddiem tat-tifi tan-nar fuq bażi volontarja, skont il-prinċipju ta' pro rata temporis)***

(2022/C 318/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour du travail de Mons

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ville de Mons, Zone de secours Hainaut – Centre

*Konvenut:* RM

**Dispożittiv**

Il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time, konkluż fis-6 ta' Ġunju 1997, li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, għall-finijiet tal-kalkolu tar-remunerazzjoni tal-ħaddiema tat-tifi tan-nar professjonali impjegati full-time, tirrikonoxxi, bħala anzjanità pekunjarja, ix-xogħol imwettaq qabel fuq bażi part-time, fil-kwalità ta' ħaddiem tat-tifi tan-nar fuq bażi volontarja, skont il-prinċipju ta' pro rata temporis, jiġifieri skont ix-xogħol effettivament imwettaq.

[1] ĠU C 391, 27.09.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-30 ta' Ġunju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas – il-Litwanja) – M.A.**

**(Kawża C-72/22 PPU)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Politika tal-ażil u tal-immigrazzjoni – Direttiva 2011/95/KE – Artikolu 4 – Proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Artikoli 6 u 7 – Standards għall-akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali – Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Direttiva 2013/33/UE – Artikolu 8 – Tqegħid f'detenzjoni tal-applikant – Raġuni għat-tqegħid – Protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew tal-ordni pubbliku – Tqegħid f'detenzjoni tal-applikant għall-ażil minħabba d-dħul irregolari tiegħu fit-territorju tal-Unjoni)***

(2022/C 318/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* M.A.

*fil-preżenza ta:* Valstybės sienos apsaugos tarnyba